

Brussell, 12 ta' Diċembru 2018
(OR. en)

15544/18

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0091(NLE)**

**WTO 339
SERVICES 74
COASI 285**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	7960/18 WTO 64 SERVICES 13 COASI 81 + ADD 1-11
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika - Adozzjoni

1. Fit-18 ta' April 2018, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar¹, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun, kif ukoll proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni² ta' dak il-Ftehim.

¹ Dok. 7959/18 WTO 63 SERVICES 12 COASI 80 + ADD 1-11.

² Dok. 7960/18 WTO 64 SERVICES 13 COASI 81 + ADD 1-11.

2. Fis-6 ta' Lulju 2018, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni dwar l-iffirmar³ tal-Ftehim. Fl-istess ħin u f'konformità mal-Artikolu 218(6)(a)(v) TFUE, il-Kunsill iddeċieda li jibgħat l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti u kif jinsab fid-dokument 7964/18 WTO 68 SERVICES 17 COASI 85, flimkien mal-Ftehim innifsu⁴, lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu, bil-ħsieb tat-tħejjija għall-konklużjoni futura tal-Ftehim.
3. Il-Ftehim mal-Ġappun ġie ffirmat fis-17 ta' Lulju 2018.
4. Fil-11 ta' Diċembru 2018, il-Kumitat tal-Politika Kummerċjali (Deputati) approva l-abbozz ta' Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Ftehim, sakemm joħroġ ir-riżultat tal-vot tal-Parlament Ewropew dwar l-approvazzjoni.
5. Fit-12 ta' Diċembru 2018, il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Ftehim.
6. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, u soġġett għal konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill huwa mistieden biex:
 - jadotta, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss, id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti u kif jinsab fid-dokument 7964/18 WTO 68 SERVICES 17 COASI 85;
 - jinnota li l-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE, u li d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew.

³ Dok. 7963/18 WTO 67 SERVICES 16 COASI 84 (ippubblikat fil-ĠU L 174, 10.7.2018, p. 1).

⁴ Dok. 7965/18 WTO 69 SERVICES 18 COASI 86.